# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Novembru, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 899/19TA**

**Raymond Degiorgio u martu Marthese Degiorgio**

**vs**

**Dustin Abela**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Raymond Degiorgio u martu Marthese Degiorgio (l-Atturi) tal-20 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu ippremettew u talbu s-segwenti:

1. "Illi fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), f'Raħal Ġdid, seħħ inċident stradali bejn il-vettura misjuqa mill-attur bin-numru ta' reġistrazzjoni KBG343, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' reġistrazzjoni FAJ262, liema inċident stradali seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, nuqqas t'osservanza ta' regolamenti u mperizja da parti ta' l-istess konvenut.

2. Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident stradali u l-ħtija tal-konvenut, l-atturi ġarrbu ħsarat konsistenti mhux biss minn danni emerġenti, iżda anke minn telf ta' lukri stante debilita' permanenti fil-persuna ta' l-attriċi.

3. Illi minkejja li l-konvenut ġie nterpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni mġarrba mill-atturi, huwa baqa' inadempjenti.

4. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

5. Illi l-attriċi Marthese Degiorgio tiddikjara li taf bil-fatti fuq premessi personalment.

Għaldaqstant l-atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, previa d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha li jidhrulha xierqa u opportuni, jogħġobha:

(1) tiddeċiedi u tiddikjara li l-atturi ġarrbu ħsarat u danni minħabba ħtija, traskuraġni, negliġenza, nuqqas t'osservanza ta' regolamenti u mperizja da parti tal-konvenut;

(2) tillikwida d-danni u l-ħsarat imġarrba mill-atturi, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

(3) tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni u l-ħsarat lill-atturi kif minnha likwidati, bl-imgħax legali skond il-liġi.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċċjali bin-numru 4627/2017, kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dustin Abela (il-konvenut) tat-23 ta' Ottubru 2019 li biha wieġeb u eċċepixxa is-segwenti:

"1. Illi l-konvenut ma kien responsabbli bl-ebda mod għall-kollizjoni tat-traffiku li seħħet fl-14 ta' Lulju 2016 ġewwa Raħal Ġdid waqt li hu kien qed isuq il-vettura numru FAJ 262.

2. Illi t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes kontra tagħhom billi l-kollizzjoni in kwistjoni ma sarx b'tort tal-esponent minħabba traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku iżda minħabba tort tal-attur Raymond Degiorgio ix-xufier tal-mutur KBG 343.

3. Illi stante illi huwa ma kienx responsabbli għal dan l-inċident, l-ebda ammont huwa dovut in linea ta' danni.

4. Illi l-konvenut tramite l-assigurazzjoni tiegħu ipprovaw kemm il-darba mal-avukat tal-atturi u l-atturi biex jaslu għal ftehim barra mill-Qorti, iżda kien inutilment.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-partijiet fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat li l-Kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fl-14 ta' Lulju 2016 l-attur kien qiegħed isuq il-mutur KBG343. Fuq wara bħala *pillion rider* kellu lill-martu l-Attriċi. Huma kienu ġejjin minn Ħal-Tarxien u faċċata hemm Triq Palma. Iż-żewġ toroq jagħtu għat-triq arterjali li twassal għall-pjazza ta' quddiem il-Knisja prinċipali ta' Raħal Ġdid.

**2.** Dak in-nhar, il-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura Fiat Punto bin-numru tal-pjanċa FAJ262 u kien ġej minn Triq Palma fuq imsemmija. Fil-bokka ta' kull triq minn fejn kienu ġejjin il-kontendenti, kien hemm stop sign. Xi ħin iż-żewġ vetturi ħabtu fit-triq prinċipali li tagħti għar-Raħal Ġdid. B'konsegwenza ta' hekk il-mutur li kien qiegħed isuq l-Attur waqa'. Minħabba f'hekk l-Attur sofra ħsara fil-mutur mentri l-Attriċi sofriet ġrieħi ta' natura permanenti f'saqajha tax-xellug billi anke tilfet parti mis-sebgħa l-oħxon ta' din is-sieq.

**3.** Għalhekk l-Atturi għamlu din il-kawża biex jirrikjamaw id-danni minnhom sofferti mingħand il-konvenut.

## Punti ta' Liġi

**4.** Bil-Kawża tagħhom l-Atturi qed jimputaw lill-konvenut tarskuraġni, negliġenza u nuqqas tal-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku fil-mod kif kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu bil-konsegwenza li għandu jwieġeb għad-danni minnu kkawżati lill-Atturi.

**5.** L-artikoli tal-liġi, applikabbli għall-każ odjern huma 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Skont dawn id-disposizzjonijiet, "*Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*" u li "*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*"

**6.** Il-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq jikkumplimenta l-istess liġi billi jipprovdi sett ta' regolamenti li jispeċifikaw fhiex għandha tikkonsisti dik il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja li għandhom jassumu l-pedoni (pedestrians), ċiklisti u s-sewwieqa ta' diversi tipi ta'vetturi. Għalkemm dawn ir-regolamenti jservu biss bħala linji gwida u strettament ma għandhomx saħħa ta' liġi, xorta ġew ripetutament meħuda in konsiderazzjoni mill-Qrati u l-ġurisprudenza tagħna sabiex jaslu għar-responsabbilita' ta' inċidenti stradali u awtomobilistiċi.

**7.** Kwantu għad-danni li jiġru b'konsegwenza ta' inċidenti bħal dawn, l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jirregola l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha u jaqsam l-istess f'żewġ aspetti: it-telf attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

**8.** Id-*damnum emergens* jikkonsisti fit-“*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali”*. Il-*lucrum cessans* jikkonsisti fit-“*telf ta’ qligħ li tbati ’l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta’ jġib*.”

**9.** Is-somma tad-danni hi dejjem rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili: “*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta’ qliegh futur minhabba l-inkapacità. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta’ l-inkapacità, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta’ din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja.*” (**Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim’ Awla, 27 ta’ April 2005**).

**Konsiderazzjonijiet**

**10.** Il-Qorti sejra l-ewwel tistabilixxi ir-respsonsabbilita’ tal-inċident għaliex jekk kif qed jgħid il-konvenut, li hu ma kienx responsabbli għall-inċident, ikun inutli li din il-Qorti tikkonsidra d-danni sofferti mill-Atturi.

Milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut konsegwenzjalment għandhom ukoll ikunu miċħuda t-talbiet tal-Atturi.

*Responsabbilita' għall-inċident*

**11.** Il-Qorti fliet sewwa il-provi mressqa u sabet li quddiemha għandha żewġ versjonijiet li jikkontradixxu lil xulxin. Meta jiġri hekk, il-fatt li Qorti jkollha żewġ verzjonijiet kontrastanti ma jfissirx li għalhekk għandha taħsel idejha billi tiċħad it-talbiet Attriċi, dan anke qiegħed jingħad fid-dawl tal-prinċipju, li fi kwistjoni ta' pretensjonijiet ta' natura ċivili, il-grad u l-kriterji tal-prova meħtieġa ma hiex daqshekk rigoruża bħala ma hija fil-kamp penali.

**12.** Ġie fil-fatt ritenut f'dan ir-rigward li "*Fid-dawl ta' dawn iz-zewg versjonijiet kontrastanti, il-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita' u verosomiljanza tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo"*. (**George Bugeja vs Joseph Meilak, Qorti Ċivili Prim' Awla, 30 ta' Ottubru 2003**).

**13.** Għalhekk il-Qorti eżaminat b'reqqa il-verżjonijiet tal-partijiet fid-dawl tal-provi risultanti. Jibda biex jingħad li l-Attur fir-rapport tal-Pulizija jispjega hekk:

"*Jiena kont gej minn Tarxien Road u kont ser ninzel lejn il-pjazza u l-iehor kien tiela' minn Triq il-Palma. Kif qlajt u kont diga' hrigt, hareg hu u baqa' diehel fina u tefana mal-art*" (a' fol 31). Din hija l-istess versjoni li tagħti l-Attriċi meta xehdet hekk:

"*Konna gejjin minn Hal-Tarxien ghar Rahal Gdid … Jiena kont riekba fuq wara … waqafna fuq stop sign li tigi ghall-Palm Street, faccata ghal Palm*

*Street … f'salib it-toroq… ir-ragel qala' kif seta' jaqla' u kif dorna hekk smajtu ghid xi haga u ndunajt li gara xi haga fi ftit sekondi u kif dort nara karrozza gejja ghal fuqi. Minn Palm Street … u rajtu gej ghal sieqi … Ghax ahna dorna ghar Rahal Gdid … wiccna lejn ir-Rahal Gdid … ehe ghax laqat lili wara fuq sieqi bil-fanal tal-pasiggier tieghu. Imbaghad inqlibt mal-art. Heqq u ma stajtx inqum … u kif l-iehor rani imwegga' ppannikja. Hekk qalli skuzani ma rajtkomx, ma rajtkomx*" (a' fol 17 tergo sa fol 18 tergo).

**14.** Aktar 'l quddiem fil-Kawża l-Attur b'aktar dettal jerġa' jgħid li kien ħiereġ minn Triq Tarxien li hija dik li tgħaqqad mat-triq li tagħti għall-Paola *"… naqqast il-velocita' sakemm gejt wieqaf ghal kollox fuq l-istop sign li hemm hemm hekk. Nispjega li din hi triq traffikuza immens, hemm stop sign fit-triq li kont ghaddej minnha jien u stop sign faccata ... Kif spjegajt, jien waqaft ghal kollox, u l-intenzjoni tieghi kienet li nikser fuq il-lemin sabiex naqbad it-triq lejn il-pjazza tar-Rahal Gdid. Harist lejn il-lemin, ix-xellug u faccata tieghi, rajt biss il-vettura tal-marka Punto, li wara sirt naf li kien qieghed isuqha l-konvenut. Din il-karrozza wkoll waqfet ma' l-istop sign taghha, u kif rajtha wieqfa jiena, jien soqt, u wasalt fin-nofs tat-triq kif ukoll kont dawwart wicci ghal kollox fid-direzzjoni tal-Pjazza tar-Rahal Gdid u anke kwazi dhalt fit-triq tieghi , meta minn taht il-ghajn, rajt vettura li kieb qed isuq il-konvenut miexja 'l quddiem. Meta rajt hekk ghajjat izda ghalxejn, u l-vettura tal-konvenut laqtet in-naha ta' wara tal-mutur tieghi, b'mod li kemm jiena u kemm marti waqajna minn fuq wara tal-mutur, li*

*waqgha ukoll….Dak il-hin tal-habta, il-konvenut beda jiskuza ruhu mieghi u ghidli li ma raniex."* (Emfazi tal-Qorti, a' fol 89).

**15.** Min-naħa tiegħu l-konvenut f'din il-Kawża jixhed li "*Jiena kont sejjer in-naha tal-left, u f'hin ha ndur hareg hu ukoll. Hrigna flimkien u kellna incident."* (a' fol 147). Kompla jispjega li "*Hemmhekk, fuq quddiemi, harget ta' quddiemi imbaghad jien ghax hemm hekk izomm naqra traffic, allura tohrog f'radda fejn hemm l-iehor, qed tifhem?"* (Emfażi tal-Qorti, a' fol 148). B'dana kollu dak li qal lill-Pulizija li mar fuq il-post dak in-nhar tal-inċident il-verżjoni kienet li "*Jien kont tiela' minn Palm Street u qsamt ghal Tarxien Rd u tal-mutur ma rajtux u hbattna*" (Emfażi tal-Qorti, a' fol 29).

**16.** Dan ifisser, li a tempo vergine, il-verżjoni li l-konvenut ta lill-Pulizija tikkorrobora dak li xehdu l-Atturi. Huwa hawn fejn ir-rapporti meħudin kif suppost mill-Pulizija li jakkwistaw importanza kbira, anke jekk il-verżjonijiet li jkunu ttieħdu ma jkunux bil-ġurament. Fil-każ fejn il-Qorti trid tqies il-provi fuq il-preponderanza provi u bilanċ ta' probabiltajiet, dawn ir-rapporti għandhom valur biex iwasslu lill-Qorti tifhem dwar liema mill-verżjonijiet mogħtija hija l-aktar verosimili. Fil-każ tal-lum, anke l-ammissjoni fil-proċeduri Kriminali tkompli ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti li huwa l-konvenut li għandu prinċipalment iwieġeb għall-inċident (Ara a' fol 39 u 118).

**17.** Jista' jkun, li kif issostni s-Soċjeta' Assikuratriċi tal-Konvenut, it-toroq li ħarġu minnhom il-kontendenti kienu t-tnejn *of equal importance* u

li ż-żewġ sewwieqa kienu f'inkroċju. Dwar dan fis-Sentenza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance Company Limited -vs- Brian Camilleri tad-29 ta' Jannar 199**9 intqal illi: "*zewg drivers meta javvicinaw salib it-toroq iridu jiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jevitaw kollizzjoni, u li jekk jonqsu minn dan id-dover, it-tnejn iridu jbaghtu parti mit-tort. Dan il-punt gie spjegat fil-kawza, "Carmel Bellizzi pro et noe vs Joseph Vella" fejn il-Qorti kienet qalet: "Kif irritenew ripetutament il-Qrati taghna, jinkombi indistintament lil kull sewwieq li jkun qed jersaq lejn inkrocju format minn zewg toroq ta' l-istess importanza li jipprocedi bil-mod ferm u ma jittraversax dan l-inkrocju qabel ma jaccerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni li l-ebda vettura ohra ma tkun riesqa hija wkoll lejn l-istess inkrocju sia' fuq il-lemin, aktar u aktar fuq ix-xellug tieghu mhabba l-precedenza fir-Reg 68 tal-M.V.R.*

*Infatti, sakemm ma jasalx fl-inkrocju u ma jesplorax diligentement, ebda sewwieq li jkun bi hsiebu jittraversa ma jista' jkun jaf minn qabel minn liema naha u taht liema cirkostanzi tista' titfaccalu vettura ohra u, kwindi, tispettax lilu jew le d-dritta.*

*Kull sewwieq, ghalhekk, li jonqos minn dan id-dmir strett tieghu ghandu jitqies li jkun ikkontribwixxa ghal kull eventwali kollizzjoni li tista' tivverifika ruhha, b'dan biss li, fid-determinazzjoni tal-grad ta' htija ta' kull wiehed miz-zewg sewwieqa li jkunu naqsu t-tnejn mid-dmir predett, jista' jittiehed in konsiderazzjoni r-right of way preskritt mill-imsemmi regolament 68 tal-M.V.R." (Ara sentenzi "Zahra vs Polidano" - P.A. 22 ta' Marzu 1972;*

*"England noe vs Zammit" - P.A. 16 ta' Mejju 1973). Din ir-regola ta' precedenza lit-traffiku fuq ix-xellug mhix wahda li tkun tezisti "a priori", imma wahda li tirradika ruhha biss wara li d-drivers ikunu raw lil xulxin u stabbilew min minnhom qieghed fuq ix-xellug ta' l-iehor. Biex, wara li s-sewwieqa jkunu raw lil xulxin, ikollhom l-opportunita' li jcedu d-dritta lil min tkun tispetta, jkun mehtieg li huma jkunu qed isuqu bi speed tali li jippermettilhom li tempestivament jirreagixxu u jieqfu halli jkunu jistghu jcedu d-dritta. Bi speed baxx u look-out assidwu biss jistghu jigu evitati incidenti f'inkrocji bhal dawn."* (Emfażi tal-Qorti).

**18.** Mill-provi li għandha quddiemha, għal din il-Qorti huwa ċar, li l-Atturi kienu diġa' ħarġu u kważi kienu dritti fi Triq lejn ir-Raħal il-Ġdid meta l-konvenut għażel li joħroġ warajhom u daħal ġewwa fihom. Kif qal hu stess ħareġ f'radda ta' salib u li tassew ma rax lill-Atturi. Huwa inutli li jipprova jbiddel il-verżjoni f'dawn il-proċeduri tant li anke meta mistoqsi dwar l-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri kriminali kien evażiv għal kollox, konsapevoli li ammissjoni hija ammissjoni hekk kif għamel ukoll mal-Pulizija li ħa r-rapport (ara 'a fol 1249 tergo).

**19.** Id-daqqiet fuq il-mutur, fost oħrajn fuq ir-rota ta' wara u dawk fuq il-vettura tal-konvenut u kif ukoll il-ġerħa li sofriet l-Attriċi f'sieqha x-xellugija, huma kollha indikattivi li di fatti l-konvenut ġie minn wara. Għalhekk ma jistax ikun li ġara dak li qal hu cioe' li ħarġu f'daqqa u flimkien. Il-konvenut wera imprudenza fis-sewqan u kif jgħid Antolisei, "*L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica*

*sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui”*. (Ara **Antolisei F, “Manuale di Diritto Penale: Parte Generale”, Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366**). Fin-Novissimo Digesto Italiano insibu ukoll li “*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l’altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela.”* (Ara **Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548**). Bl-istess mod fis-**Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta’ Lulju 1998**, ingħad illi “*L-imprudenza tigi mill-agir ta’ xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli*”. Kif fil-fatt għamel il-konvenut. Qabad u ħareġ mingħajr ma stenna lill-Attur, li kien diġa’ ħareġ qablu għaliex skont hu ma rahx, li tfisser ukoll li kien hemm da parti tiegħu kien mankanza totali ta’ *proper look out* li **f’Deċiżjoni fl-ismijiet Pulizija -vs- J.M. Laferla** il-Qorti qalet li: *“min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm ‘a proper lookout’.”*

**20.** Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma soda li l-konvenut jaħti għall-parti l-kbira tal-inċident u dan għaliex kif ser naraw l-Attriċi ukoll ikkontribwixxiet jekk mhux għall-inċident, żgur iżda għall-entita’ tal-feriti li sofriet f’saqajha.

**21.** F’dan ir-rigward l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

"*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara libatiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dikil-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni*".

**22.** Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għal ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux f'dan il-każ messa kienet liebsa żarbun) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ meta kienet fis-sakra). (Ara Sentenza **tal-20 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet Censina Robinson -vs- Josef Zerafa mhux Appellata**).

**23.** Meta l-konvenut kien qiegħed jixhed in kontro eżami mistoqsi mill-Qorti fejn kienet weġġgħet l-Attriċi, l-konvenuta wieġeb fuq saqajha. Il-Qorti kompliet tistaqsi x'kienet liebsa huwa wieġeb "*Karkura … flip flop tal-bahar. Dak li jkun, jkollok di wahda ddahhal ghal bejn subghajk"*. Il-Qorti staqsiet *"Dik li tidhol speci ta' tghaddi bejn subghajk l-ohxon"* u wiegeb *"Esatt".* (a' fol 148 u 149 tergo). Għalkemm fl-istess seduta

issokta l-kontro-eżami mill-Atturi, dwar dan il-fatt ma saru ebda mistoqsijiet biex jikkontradixxu x'kienet liebsa f'saqajha l-Attriċi. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tinjora dan il-fatt anke fid-dawl ta' dak li jgħid il-Highway Code fuq ix-xorta ta' ilbies li għandu jintlibes tant li f'para 70 ta' dan il-kodiċi insibu s-sewgenti:

"*On all journeys no matter how short, the rider and pillion passenger on a motorcycle, scooter or moped MUST wear a protective helmet. Helmets MUST comply with the Regulations and they MUST be fastened securely. It is also advisable to wear eye protectors, strong boots, gloves and suitable clothing which may help to protect you if you fall off. Do not be tempted to wear light weight nylon clothing as friction burns in the event of a fall are extremely painful. Cover arms and legs at all times.*" (Emfażi tal-Qorti).

**24.** Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti issib li meta l-Attriċi ma kienitx liebsa xi xorta ta' ilbies protettiv f'saqajha waqt li kienet riekba fuq mutur, hija kkontribwiet għall-ġrieħi li sofriet. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tħoss li hija għandha twieġeb fil-grad ta' tletin fil-mija (30%) għal ħsara minnha sofferti. Dan ma jfissirx li l-konvenut b'daqshekk mhux ser jinstab responsabbli mija fil-mija (100%) għall-inċident u dan stante l-Atturi bl-ebda mod ma taw okkażjoni għall-inċident. Ifisser biss, li huwa għandu jagħmel tajjeb għal sebgħin fil-mija (70%) tas-somma li ser tkun qed tiġi likwidata aktar 'l quddiem f'din is-Sentenza fil-konfront tal-Attriċi biss.

*Likwidazzjoni tad-Danni*

**25.** Kif diġa' spjegat aktar 'l fuq dawn jikkonsistu f'żewġ tipi. Dawk attwali u effettivi u dawk li jirrappresentaw telf fil-futur. Issa f'din il-Kawża il-Qorti fehmet li fil-waqt li l-Attur qiegħed jitlob biss danni effettivi, il-ħsara fil-futur, l-Attriċi qed titlob ukoll danni ta' telf u qliegħ fil-futur.

*Danni effettivi (Damnum emergens)*

**26.** Kwantu jirrigwarda lill-Attur ma tantx hemm fejn wieħed jista' jinfixel. Fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2022 ġie verbalizzat hekk: "*Il-konvenut qed jiddikjara li abbazi tal-informazzjoni mogħtija mis-Soċjeta' assikuratriċi tiegħu dan il-mutur huwa total loss u li l-valur tiegħu €2500*" (a' fol 146). Dan huwa ukoll konfermat mill-Attur. L-Attur jgħid ukoll li huwa kien lest li jaċċetta (a' fol 90). Għalhekk id-danni effettivi li sofra l-Attur huma dawk ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500).

**27.** Kwantu għad-danni effettivi tal-Attriċi din tgħid li kellha spejjes fl-ammont ta' elf u erbgħa u erbgħin punt tnejn u tletin ewro (€1,044.32). Hi kienet taħdem part time bħala machine operator u kellha paga ta' ħames mija ħamsa u tletin punt ħamsin ewro (€535.50). Għalhekk minħabba l-inċident tilfet elf sitt mija u sitta punt ħamsin tal-ewro (€1,606.50) (ara a' fol 36, 37, 40 sa 75). Għalhekk id-danni effettivi tal-Attriċi huma ta' elfejn sitt mija u ħamsin punt tnejn u tmenin ewro (€2,650.82).

*Danni ta' telf u qliegħ fil-futur (Lucrum Cessans)*

**28.** Il-prinċipji prinċipali tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur huma s-segwenti. L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti diġa' intqal li din il-Qorti l-anqas kellha għalfejn taħt Perit mediku għaliex il-partijiet qablu fuq diżabilita' ta' ħamsa fil-mija (5%)(ara supra).

**29.** Pero' irid jingħad li sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed.

**30.** Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. Fil-fatt l-Attriċi għadha taħdem bl-istess paga pero' bħala office work (a' fol 19 tergo).

**31.** F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol.

**32.** F'din l-aħħar sitwazzjoni l-Qorti, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, għandha tagħti ukoll somma oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu.

**33.** Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attriċi bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qliegħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

**34.** Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e.that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).

**35.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

*"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji*

*enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

**36.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

"*f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*

**37.** Fid-data tal-inċident l-Attriċi kellha 46 sena. Twieldet fis-17 ta' Diċembru 1970 (a' fol 76). Ma jidhirx li kellha xi mard ta' natura kronika li setgħu kienu determinanti fuq il-lonġevita' ta' ħajjitha. Għalhekk abbażi tal-prinċipji fuq enunċjati ser tqis il-multiplier sal-65 (sena pensjonabbli) li jwassal għal 18- il sena.

*Il-lump sum payment*

**38.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-**ismijiet Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-kawżi **Turner - vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 2003, Bonnici - vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15-il sena.

**39.** Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta' 18% bħala lump sum payment ikun ġust tant li kien hemm numru ta' differimenti mitluba mill-Atturi u kif ukoll għaliex il-Kawża relattivament ma ilhiex daqstant pendenti tenut kont li kien hemm ukoll numru ta' differenti minħabba il-pandemija li għalihom żgur ma jaħtix il-konvenut. Di piu' din il-Qorti tqies raġjonevoli, li sakemm ma hemmx kwistjonijiet kumplessi involuti, it-trapass ta' sentejn minn meta tiġi presentata il-Kawża huwa raġjonevoli biex ma jkun hemm ebda tnaqqis ta' lump sum payment u din il-Kawża ma ilhiex ħafna aktar minn hekk.

**40.** Imma hemm ċirkostanza oħra li trid tittieħed in konsiderazzjoni. L-Attriċi għalkemm veru kienet taħdem *part time*, kienet ukoll mara tad-dar u x-xogħol ta' mara tad-dar għandu ukoll il-valur tiegħu. Fl-affidavit tagħha tgħid "*apparti dan ix-xoghol, jien ukoll mara tad-dar u niehu hsieb id-dar fejn noqghod ma' zewgi Raymond u t-tlett itfal taghna"* (a' fol 37). Ġie stabbilit mill-Qrati tagħna li mara tad-dar għandha dritt għall-kumpens u li x-xogħol tad-dar għandu valur ekonomiku. Dan m'għandux jitqies li jiswa anqas mill-paga minima nazzjonali (Ara **PA GCD Ebejer vs Spiteri 16/12/97; Borg vs Zammit PA NA 22/3/99; Zammit vs Bezzina App 19/9/73; Apap vs Degiorgio App 16/1/84; u Grech vs Briffa PA 21/2/97**).

**41.** Pero' l-Qorti tifhem, li xi xorta ta' manteniment tirċievi mingħand l-Attur u li t-tfal li huma kollha maġġorenni, xi xorta ta' kontribuzzjoni jagħmlu wkoll. Li kieku l-Attriċi kienet unikament mara tad-dar, din il-Qorti kienet tkun lesta tikkunsidra tikkomputa l-paga minima fuq medda ta' 16-il sena. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi tħoss li perjodu ta' disgħa (9) snin ikun ekwu u ġust.

**42.** Bħal issa l-minimum wage hija ta' €194 fil-ġimgħa. Għalhekk oltre somma li ser tiġi likwidata fuq is-somma tas-salarju propju tagħha ser tkun ukoll qed tillikwida kumpens ieħor għall-fatt li hija mara tad-dar peress li anke dan għandu valur ekonomiku. Għalhekk ser tkun qed tikkunsidra ukoll kumpens ta' €194 fil-ġimgħa fuq disgħa snin meno 30% li jirrapresenta manteniment li talvolta qed tirċievi mingħand l-Attur u kontribuzzjonijiet li qed jagħmlu l-ulied.

**43.** Kwantu jirrigwarda s-salarju li ser timxi fuqu din il-Qorti, dan għandu jkun dak li jemerġi mid-dokumenti esebiti li jindikaw li għal sena kienet tirċievi għaxart elef u sitta u tmenin ewro fis-sena (€10,086) li minnhom iridu jitnaqqsu il-kontribuzzjonijiet tas-Servizzi Soċjali li jammontaw għal elf disgħa mija u ħamsa u disgħin punt tnax Ewro (€1995.12) li għalhekk iġibu netti qliegħ annwali ta' tmient elef u disgħin punt tmienja u tmenin Ewro (€8,090.88).

**44.** Għalhekk id-danni rappresentanti lurum cessans huma s-segwenti:

1. €8090.88(salarju nett) x18 (aspettiva tal-ħajja) = €145,636.

2. €194 (minimum wage mara tad-dar) x 9 (għar-raġunijiet fuq spjegati)= €90,792 - €27,238 (30%)= €63,554.

3. €209,193 (1+2 supra). Ammont sħiħ ta' kumpens rappresentanti valur ta' salarju u dak ta' mara tad-dar.

4. €209,193 - €37,655 ( 18% lump sum payment)= €171,538.

5. 5% (rata diżabilita') ta' €171,538 = €8576,90.

**45.** Huwa magħruf u kif ukoll huwa prinċipju aċċettat anke mill-Qrati tagħna, li somma likwidata llum biex tagħmel tajjeb għat-telf fil-futur hija soġġetta għall-inflazzjoni tal-ħajja. Sal-lum qatt ma kien hemm xi indiċi tal-prezzijiet li jindika żieda fil-valur tal-flus. Għalhekk il-Qorti trid ukoll tieħu kont ta' dan u jidhrilha, li għandha żżid is-somma imsemmija b'għaxra fil-mija (10%) biex tagħmel tajjeb għal kull inflazzjoni fil-futur. Dan ifisser li s-somma għalhekk hija ta' €8576.90 + €857.69 = €9434.59. Dan huwa ukoll konsonanti mal-prinċipju tar-restitutio ad integrum għaliex sa fejn hu possibbli l-Qorti f'kawżi ta' danni għandha tqiegħed lill-vittma fil-posizzjoni li kienet qabel l-inċident.

**46.** Fl-aħħar nett kwantu għal imgħaxijiet ordinarjament japplika illiquidis *non fit mora*. L-Attur jargumenta li l-ħtija tal-konvenut kienet evidenti anke mill-fatt li ammetta f'sede penali u li l-perċentaġġi u dokumenti kollha qabel magħhom il-konvenut. Li kieku dan kien kollu minnu kien ikollu raġun, iżda din il-Qorti sabet ukoll li l-konvenuta kellha parti tort għar-raġunijiet fuq imsemmija, tant li mill-ammont globali tal-

*lucrum cessans u damnum emergens* sofferti mill-Attriċi, din il-Qorti ser tkun qed tnaqqas dan il-perċentwali ta' 30%. Għalhekk l-ammont finali għal €9434,59 (*lucrum cessans*) + €2650 (*damnum emergens*) = €12,084.59.

**47.** Kwantu għall-Attur l-ammont likwidat favurih bħala *damnum emergens* huwa dak ta' €2500. Fuq dan l-ammont ser jingħataw imgħaxijiet minn meta ġiet presentata din il-kawża għaliex li ma kienx għall-fatt li ma sarux ċertu kundizzjonijiet mis-Soċjeta' Assikuratriċi tal-konvenut, li fil-fehma ta' din il-Qorti ma kienux raġjonevoli, l-Attur kien lest li jaċċetta din is-somma.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara li l-Atturi ġarrbu ħsarat u danni minħabba ħtija, traskuraġni, negliġenza, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u imperizja da parti tal-konvenut.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni fil-konfront tal-Attur fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500) bl-imgħaxijiet mid-data tar-rikors ġuramentat u fil-każ tal-Attriċi fl-ammont ta' disgħat elef, erbgħa mija u erbgħa u tletin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€9434.59) bl-imgħaxijiet mill-presenti sal-pagament effettiv.

**Tilqa' it-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Atturi s-sommom rispettivi fuq imsemmija bl-imgħaxijiet kif indikati sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**